

Brussell, 19 ta' Mejju 2015
(OR. en)

8975/15

RECH 142
COMPET 229
MI 320
TELECOM 120

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	8409/15 RECH 102 COMPET 173 MI 277 TELECOM 100
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka - <i>Adozzjoni</i>

1. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2014 dwar ir-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) 2013¹ appellaw lill-“Istati Membri f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, waqt li jikkunsidraw l-opinjoni tal-KŻER u b'bidma permezz tal-KŻER biex sa nofs l-2015 jiżviluppaw Pjan Direzzjonali taż-ŻER fil-livell Ewropew li għandu jservi biex jiffaċilita u jirrinforza l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri”.

¹ Dok. 6945/14.

2. Bħala rispons għal din it-talba, il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER ġie żviluppat f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (KŻER), il-gruppi relatati maż-ŻER u l-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet li jiffurmaw Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-ŻER. L-Opinjoni tal-KŻER ġiet adottata mill-KŻER fil-laqgħa tiegħu tas-16-17 ta' April f'Riga². Il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER huwa dokument ħaj li għan tiegħu hu li jiġu identifikati għadd limitat ta' prioritajiet ta' implimentazzjoni prinċipali li x'aktarx ikollhom l-akbar impatt fuq is-sistemi tax-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa.
3. Abbażi tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER, il-Presidenza pproponiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġew diskussi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka f'Marzu u April 2015 u ntlaħaq kunsens wiesa' dwar it-test.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-kunsens wiesa' li ntlaħaq fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2015. UK daħħlet riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar it-test finali, wara elezzjonijiet nazzjonali reċenti.
5. Għalhekk, il-Kunsill ("Kompetittività") huwa mistieden jadotta l-konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju 2015.

² Dok. 1208/15.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona
Ewropea tar-Riċerka**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Ottubru 2013³ li jinnotaw il-ħtieġa li jiġu aċċellerati r-riformi strutturali tas-sistemi nazzjonali u li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-progress abbażi ta' data affidabbli pprovduta mill-Istati Membri, bil-għan li sa tmiem l-2014 tinkiseb Żona Ewropea tar-Riċerka kompluta;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Frar 2014 dwar ir-rapport ta' progress mill-Kummissjoni dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) 2013⁴ li jinnotaw il-progress li sar fit-twettiq taż-ŻER u jappellaw biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali għaż-ŻER sa nofs l-2015;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2014 dwar ir-Rapport ta' Progress taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2014⁵ waqt li jirrikonoxxi li sar progress sew fit-twettiq taż-ŻER, waqt li jinkoraġġixxi aktar sforzi mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fis-settur tar-riċerka sabiex iż-ŻER topera bis-sħiħ, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp ta' pjan direzzjonali għaż-ŻER fil-livell Ewropew sa nofs l-2015,

³ Dok. EUCO 169/13.

⁴ Dok. 6945/14.

⁵ Dok. 16599/14.

1. JISSOTTOLINJA li ż-ŻER hija wieħed mill-pilastri ewlenin tal-inizjattiva ewlenija Unjoni ta' Innovazzjoni u hija element kruċjali tal-Istrateġija Ewropa 2020 li tiffoka fuq il-massimizzar tal-potenzjal tas-sistemi ta' riċerka tal-Ewropa, it-trawwim tal-innovazzjoni, it-tisħiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Istati Membri kif ukoll tal-kompetittività u l-kapaċità tagħhom biex jindirizzaw sfidi soċjetali kbar, u għaldaqstant JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu biex iż-ŻER topera b'mod sħiħ.
2. JAFFERMA MILL-ĠDID il-prioritajiet għaż-ŻER kif ġew identifikati fil-Kommunikazzjoni tal-2012 dwar Sħubija rinforzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u kkonfermati bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill⁶, inkluż id-dimensjoni internazzjonali taż-ŻER, u JIRRIKONOXXI l-bidu ta' fażi ġdida fl-iżvilupp ulterjuri taż-ŻER. Abbażi tal-esperjenza mill-isħubija eżistenti taż-ŻER, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati issa għandhom jiżguraw li ż-ŻER topera b'mod sħiħ permezz tal-isforzi koordinati fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, filwaqt li jirrieżaminaw b'mod regolament, u meta meħtieġ, jaġġornaw il-prioritajiet taż-ŻER.
3. JAPPROVA l-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-ŻER addottat mill-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (KŻER)⁷. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI l-importanza tal-ħidma mwettqa mill-Istati Membri u l-KŻER, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u f'konsultazzjoni mal-Gruppi l-oħra relatati maż-ŻER u l-Pjattaforma taż-ŻER għall-Partijiet Ikkonċernati.
4. JAQBEL mal-approċċ adottat mill-KŻER li l-għan tal-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER huwa li jiġi identifikat numru limitat ta' prioritajiet ta' azzjoni prinċipali għall-implimentazzjoni tal-prioritajiet taż-ŻER li ser ikollhom l-akbar impatt fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa, filwaqt li jiġi rikonoxxut bis-sħiħ li s-sistemi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa kollha għandhom karatteristiċi u speċifitàt differenti, u li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jiddeċiedu dwar l-approċċi l-aktar addattati għas-sistemi tagħhom.

⁶ Dok. 17649/12.

⁷ Dok. 1208/15.

5. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER fil-livell nazzjonali u dak tal-UE u JISTIEDEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jimplimentaw il-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER permezz ta' azzjonijiet adatti fil-pjani ta' azzjoni jew fl-istrateġiji tagħhom. JAPPELLA għall-użu effettiv tal-Faċilità ta' Sostenn għall-Politika f'dan l-isforz.
6. JISTIEDEN lill-KŻER biex sa tmiem l-2015 jipproponi sett ta' indikaturi ewlenin u, fejn adatt, metodi kwalitattivi li jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER. JENFASIZZA li l-monitoraġġ tal-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER għandu jitqiegħed fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-progress taż-ŻER u JAPPELLA lill-Kummissjoni tikkunsidra l-integrazzjoni possibbli tal-monitoraġġ tal-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER fir-Rapport ta' Progress 2016 dwar iż-ŻER u l-eżerċizzji sussegwenti tar-Rapport ta' Progress dwar iż-ŻER, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li jiġi evitat il-ħolqien ta' piż amministrattiv bla bżonn.
7. JINNOTA l-ħtieġa li l-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER jitpoġġa f'kuntest strateġiku usa' tal-aġenda tal-Ewropa għat-tkabbir, inkluża l-istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali (DSM) u l-Unjoni ta' Innovazzjoni. JIRRIKONOXXI li saru sforzi sinifikanti mill-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet taż-ŻER fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Fejn xieraq, l-azzjonijiet u l-miżuri rilevanti taż-ŻER għandhom jiġu inkorporati fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma. JAPPELLA lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex itejbu l-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet kollha taż-ŻER, inkluż dawk li jrawmu l-kwalità u l-eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej kif ukoll l-azzjonijiet li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jingħalaq id-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Membri u r-reġjuni kollha.

8. JISTIEDEN lill-KŻER, f'kooperazzjoni mill-qrib u fejn rilevanti b'kontribut adatt minn korpi rilevanti, b'mod partikolari GPC, u l-Konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat tal-Programm ta' Orizzont 2020, jivvaluta l-koerenza ta' inizjattivi kongunti⁸, speċjalment dawk iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, b'enfasi fuq il-valur miżjud Ewropew tagħhom, il-fattibilità, il-massa kritika, il-komplementarjetà u l-impatt. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA li l-parir tal-KŻER u gruppi oħra relatati maż-ŻER dwar l-identifikazzjoni u t-tfassil ta' prijoritajiet strateġiċi għandu jiġi kkunsidrat għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u għandu wkoll jittieħed kont tal-parir li jirriżulta mill-valutazzjoni tas-Seba' Programm Qafas.

FIR-RIGWARD TAL-PRIJORITAJIET TAL-PJAN DIREZZJONALI GĦAŻ-ŻER

9. JISTIEDEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jibdew bl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' azzjoni prinċipali identifikati fil-Pjan Direzzjonali għaż-ŻER:
- it-tisħiħ tal-evalwazzjoni tal-politiki dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u t-tfittix ta' komplementarjetajiet bejn strumenti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali u r-razzjonalizzazzjoni tagħhom;
 - it-titjib tal-allinjament fi ħdan u il-Proċess tal-Ipprogrammar Konġunt kollu u l-inizjattivi li jirriżultaw minnu (eż. Inizjattivi ta' Programmar Konġunt (JPIs)) u l-aċċellerar tal-implimentazzjoni tagħhom;
 - l-aħjar użu tal-investimenti pubbliċi fl-Infrastrutturi tar-Riċerka (RIs) billi jiġu stabbiliti prijoritajiet nazzjonali kompatibbli mal-prijoritajiet u l-kriterji tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u b'kont sħiħ meħud tas-sostenibbiltà fit-tul;

⁸ Pereżempju, Inizjattivi tal-Ipprogrammar Konġunt, Inizjattivi taħt l-Artikoli 185 u 187 TFUE, PPP kuntrattwali, ETPs, EIT KICs, EIPs, ERA-nets, raggruppamenti EUREKA, programmi konġunti Ewropej u ftehimiet qafas ta' sħubija.

- l-użu ta' prattiki ta' reklutaġġ miftuħa, trasparenti u bbażati fuq il-mertu fir-rigward tal-karigi ta' riċerka;
- it-traduzzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza f'azzjoni effettiva sabiex jiġu indirizzati l-iżbilanċi bejn il-ġeneri fl-istituzzjonijiet ta' riċerka u f'korpi responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-integrazzjoni mtejbha tad-dimensjoni tal-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-proġetti ta' R&Ż;
- l-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki dwar it-trasferiment ta' għarfien fil-livell nazzjonali sabiex jiġu msaħħa t-tixrid, l-assimilazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati xjentifiċi. L-Organizzazzjonijiet li Jwettqu r-Riċerka (RPOs) u l-Organizzazzjonijiet li Jiffinanzjaw ir-Riċerka (RFOs) għandhom iwettqu t-trasferiment ta' għarfien b'mod awtomatiku billi jintegrawh fil-ħidma tagħhom ta' kuljum;
- il-promozzjoni tal-Aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi;
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi u azzjonijiet strateġiċi konġunti adatti għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (STI) abbażi tal-prijoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri,

permezz ta' azzjonijiet adatti fil-pjani ta' azzjoni jew l-istrateġiji tagħhom sa nofs l-2016.

PUNTI GĦALL-KUNSIDERAZZJONI POSSIBBLI FIL-FUTUR

10. JENFASIZZA dan li ġej:

- il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-kwalità, l-effettività u l-impatt tan-nefqa nazzjonali fuq ir-Riċerka u l-Innovazzjoni;
- il-ħtieġa li jkompli jissaħħa il-Proċess tal-Ipprogrammar Konġunt (JPP). F'dan il-kuntest, JENFASIZZA li l-kooperazzjoni transnazzjonali teħtieġ r-rivitalizzazzjoni u għaldaqstant JISTIEDEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jużaw aħjar l-istrumenti ta' koordinazzjoni u jiżviluppaw sinerġiji aħjar bejn il-programmi ta' finanzjament fil-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jallinjaw aħjar r-regoli u l-proċeduri ta' implimentazzjoni fi ħdan u madwar il-JPP u l-inizjattivi tiegħu sabiex titqanqal il-kooperazzjoni u jiġi evitat piż amministrattiv mhux neċessarju;
- il-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi fil-qasam tal-Infrastrutturi tar-Riċerka , inkluż l-infrastrutturi elettroniċi, u JISSOTTOLINJA li l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għal dawn il-finijiet għandu ikun mħeġġeġ, fejn adatt;
- ir-rwol tal-kapital uman fl-iżvilupp taż-ŻER u n-neċessità li jissaħħu l-istrateġiji komprensivi dwar ir-riżorsi umani inkluż il-mobbiltà tar-riċerkaturi, anki minn barra l-UE kif ukoll mis-settur privat u lejha, u l-awtonomizzazzjoni tar-riċerkaturi żgħażagħ billi jinghatawllhom perkorsi ta' karriera attraenti;
- l-opportunitajiet u l-isfidi diġitali l-ġodda għar-riċerka, b'mod partikolari, iż-żieda sostanzjali fid-data ta' riċerka, u JAPPELLA lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex isiru azzjonijiet ta' koordinazzjoni li jindirizzaw id-dimensjoni diġitali taż-ŻER;

- il-ħtieġa li l-UE bħala l-attur globali tissaħħaħ, filwaqt li ssir ħidma abbażi tal-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali ta' suċċess eżistenti. Għalhekk, JISTIEDEN lill-Istati Membri jikkunsidraw il-pjanijiet direzzjonali multiannwali għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pajjiżi u r-reġjuni sħab internazzjonali u l-UE, filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji possibbli u l-valur miżjud tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll li jintgħażel il-livell ottimali tal-kooperazzjoni bilaterali, multilaterali u Ewropea mal-pajjiżi u r-reġjuni sħab internazzjonali.
11. JISSOTTOLINJA li l-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-ŻER għandu jirrifletti l-evoluzzjoni possibbli tal-oqsma u l-azzjonijiet ta' prijarità u għaldaqstant JISTIEDEN lill-KŻER biex, f'kooperazzjoni mal-Gruppi l-oħra relatati maż-ŻER, jirrieżaminah bħala parti minn ċiklu ta' rapportar dwar il-progress taż-ŻER. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-importanza ta' governanza u struttura konsultattiva effettivi u effiċjenti taż-ŻER għat-titjib tal-koordinazzjoni u l-monitoraġġ taż-ŻER.
-